MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1749/2003

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Ivan Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fil-5 ta' Settembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm723.78) dovuti skond disa' (9) kambjali li gew ffirmati mill-konvenut u li skadew fit-28 ta' Dicembru, 2002, fit-28 ta' Jannar, 2003, fit-28 ta' Frar, 2003, fit-28 ta' Marzu, 2003, fit-28 ta' April, 2003, fit-28 ta' Mejju, 2003, fit-28 ta' Gunju, 2003, fit-28 ta' Lulju, 2003, u fit-28 ta' Awissu, 2003, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi interpellat, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Lulju, 2003 u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull skadenza, u li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut datat 19 ta' Novembru, 2003.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm723.78) bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Lulju, 2003 u tal-parir (Lm15.00), ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------